MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru. 288/2007

Il- Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

-vs-

Brian Bartolo

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Brian Bartolo, ta’ 35 sena, iben John u Nancy nee’ Sammut, imwieled Attard nhar is- 6 ta’ Novembru 1971 u joqghod 42, Geronimo, Triq San Gwann, Fgura, detentur tal- karta ta’ l- identita’ 498571(M);

Talli:

a) Nhar il- 11 ta’ Marzu 2007, ghall- habta tas 7.30pm gewwa Hal Qormi, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ Marisa Tabone f’ periklu car,

volontarjament, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Marisa Tabone (skond l- art. 214, 216 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

b) Aktar talli fl- istess data u cirkostanzi, bejn il- 5.00pm u s- 7.30pm, f' diversi bnadi ta' Malta, bla ordni skond il- ligi ta' l- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Marisa Tabone kontra l- volonta' taghha (skond l- art. 85 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

c) Aktar talli fl- istess data u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex gieghel lill Marisa Tabone taghmel, thalli jsir jew tonqos milli taghmel xi haga (skond l- art251 Sub 1 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta).

d) Aktar talli ikkaguna lil Marisa Tabone biza li ser tintuza xi vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha, jew kontra il persuna jew il- propjeta' ta' xi hadd mill- axxendenti jew dixxendenti jew xi persuna imsemmija fl- art 222(1) (skond l- art. 251B tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

e) Aktar talli volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddierhor, mobbli jew immobbli, ghad- dannu tal- Korporazzjoni Enemalta, liema hsara tammonta ghal- aktar minn Lm50 imma inqas minn Lm500 (skond l- art. 352(1b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

f) Aktar talli saq vettura ta' l- ghamla Nissan bin- numru tar- registrazzjoni DBN 815 minghajr ma kellu licenzja tas- sewqan (skond l- art. 15(1a) tal- Kap. 65 tal- Ligijiet ta' Malta);

g) Aktar talli ta fastidju lil Marisa Tabone (skond l- art. 251A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

h) Aktar talli hebb kontra Marisa Tabone sabiex jingurjha, idejjaqha jew jghamel hsara lilha jew lil haddiehor;

i) Talli hedded bil- mewt lil Marisa Tabone;

j) Talli kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied;

Il- Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghall- protezzjoni ta’ Marisa Tabone u tal- familja taghha skond l- art 412C u kif ukoll tordna Ordni ta’ trazzin skond l- art 382A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz l-stqarrija ta’ l-imputat u c-certifikati medici.

Rat li l-parte leza Marisa Tabone dehret f’l-udjenza mizmuma fit-18 ta’ Gunju 2007 u fil-waqt li hafret lill-imputat ghall-agir tieghu rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli.

Rat l-verbal ta’l-istess udjenza mizmuma fit-18 ta’ Gunju 2007 meta l-ufficjal prosekutur irrileva li skond l-ahhar certifikati medici rilaxxjati jirrizulta li l-griehi sofferti mill-parte leza kienu ta’ natura hafifa.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 86, 214, 216, 221, 251(1), 251A, 251B, u 325(1)(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat

L-ewwel imputazzjoni adebieta lill-imputat hija li kkawza griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marisa Tabone. Din l-akkuza hija bazata fuq ic-certifikat mediku rilaxxat

dak in-nhar ta'l-incident (Dok JJB3 a fol 18). Minn certifikati rilaxxati sussegwentement, u li gew mghoddija lill ufficjal prosekutur mill-istess parte leza (Dok JJB4 a fol 19 et seq), jirrizulta li l-feriti sofferti minnha kienu ta' natura hafifa. Dan irrilevah l-istess ufficjal prosekutur f'l-udjenza mizmuma fit-18 ta' Gunju 2007.

Illi f'dik l-istess udjenza l-parte leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li r-reat ta' offizi ta' natura hafifa huwa prosegwibbli fuq kwerela tal-parte leza u din irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali, l-procediment fir-rigward ta' din l-imputazzjoni huwa ezawrit.

Illi b'l-istess mod l-procediment huwa ezawrit ukoll fir-rigward tat-tmien u d-disgha imputazzjonijiet stante li dawn huma kontravenzjonijet prosegwibbli fuq kwerela tal-parte leza.

Fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu l-imputat irregistra ammissjoni f'l-udjenza mizmuma fit-18 ta' Gunju 2007 ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fatt li l-parte leza hafret lill-imputat u llum r-relazzjonijiet ta' bejniethom irrangaw, il-fatt li l-imputat iddikjara li huwa lest li jhallas id-danni sofferti mill-Korporazzjoni Enemalta u li kien anke dispost jaghmel dan fi stadju precedenti, u finalment l-fatt li l-imputat kellu licenzja ta' sewqan pero din ma gietx imgedda; l-imputat issa ha hsieb u geddiedha. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhiex netta mhiex wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 86, 214, 216, 221, 251(1), 251A, 251B, u 325(1)(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tiddikjara l-procediment esawriet fir-rigward ta'l-ewwel, it-tmien u d-disgha imputazzjoni, fuq ammissjoni tiddikjara lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-

ohra u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum; in oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 ta'l-istess Kap 446 tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar mill-llum jhallas is-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00) lill-Korporazzjoni Enemalta. `

Il-Qorti spejgat lill-hati bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------